MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 17/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-27 ta' Frar 2007 kontra Joseph Mifsud li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess Joseph Mifsud, recidiv f'delitt, talli (1) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza kontra l-ligi u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklusiv tieghu; u (2) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-ligi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta’ Gunju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi Joseph Mifsud hati skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabuh mhux hati skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u wara li rat il-verbal li bih l-appellant (allura akkuzat) permezz tad-difensuri tieghu ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-recidiva u rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra iddikjaraw lill-hati recidiv skond l-Att ta’ Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Joseph Mifsud, recidiv:

(1) hati talli f’xi zmien matul is-sena 2004 u partikolarment fl-20 ta’ Novembru 2004, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) mhux hati tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u lliberatu minnu;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) u l-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hati Joseph Mifsud ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan ir-reat u ghal multa ta' erbghin elf Euro (€40,000) li jekk ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, mitejn u sitta u disghin Euro u sitt centezmi (€1296.06) import ta' l-ispejjez tal-perizji, limitatament ghal dawk li ma gewx esklusi bl-istess sentenza. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll il-konfiska tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-hati favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita u ta' dawk l-esebiti li fuqhom instabu tracci ta' droga a kura tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali bl-assistenza ta' Godwin Sammut, hlief jekk, fi zmien hmistax (15) il-jum mid-data tas-sentenza appellata l-Avukat Generali b'nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-iskop ta' xi proceduri ohra kontra terzi, u b'dana li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil dik il-Qorti meta dawn l-esebiti jigu hekk distrutti. Fl-ahharnett l-Ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Dik il-Qorti hekk iddecidiet wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u wara li qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur Dr. J. Giglio, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.**

**"Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja illi jinsab kollu registrat u jista' jigi verifikat mat-traskrizzjoni.**

**“Qieset li l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Joseph Mifsud hija dik ta’ prigunerija ghal ghomor.**

**“Qieset li l-piena ghar-reat ta’ pussess tar-raza mehuda mid-droga cannabis, taht cirkostanzi tali li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti w meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina nvoluta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghal dik ta’ ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.**

**“Qieset ghall-fini tal-ikkalibrar tal-piena sentenzi ta’ din il-Qorti kif ukoll tal-Appell Kriminali (kolleggjali) f’kaz ta’ sejbien ta’ htija ta’ reati simili li jirrigwardaw raza mehuda mill-pjanta cannabis u aktar partikolarment is-sentenza recenti tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib”. F’dak il-kaz si trattava ta’ pussess ta’ 19 il-sapuna tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u kwantita` zghira hafna konsistenti biss fi tracci ta’ sustanza kokajina fejn l-istess Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza ta’ din il-Qorti ghar-rigward tas-sejbien ta’ htija ta’ tali pussess aggravat u anki ta’ pussess ta’ medicina perikoluza kokajina.**

**“F’dak il-kaz il-piena kienet giet ridotta w stabilita ghal wahda ta’ tlettax (13) il-sena prigunerija w multa ta’ Euro 23,293.73.**

**“Qieset li f’dan il-kaz instabu tlieta w tletin (33) sapuna tar-raza tal-pjanta cannabis u cioe` aktar minn darba w nofs tal-kwantita` misjuba fil-kaz appena citat u ftit inqas mid-doppju tal-piz tas-sapuniet involuti.**

**“Qieset ukoll li f’dak il-kaz il-hati ma kienx recidiv kif inhu l-hati f’dan il-kaz u kien ta’ eta` ferm izghar mill-hati odjern.**

**“Ikkonsidrat**

**“In vista tal-verdett ta’ nuqqas ta’ htija dwar it-Tieni Kap, takkolji s-sottomissjoni tad-difiza illi l-akkuzat m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tat-tieni relazzjoni ta’ Godwin Sammut li tirrigwarda l-ezami tal-mizien esebit ghal tracci ta’ droga kif ukoll, in vista tas-sentenza “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Alex Mallia” deciza mill-Qorti tal-Appell (kolleggjali) [04.10.2007] lanqas m’ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tat-tielet perizja ta’ Godwin Sammut dwar il-valur tad-droga misjuba.**

**“L-istess m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tar-relazzjoni ta’ Dr. Anthony Cutajar li giet iddikjarata inammissibbli fil-kors ta’ dan il-guri bid-digriet taghha tat-22 ta’ Gunju, 2009 u ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet.**

**“Ikkonsidrat**

**“Li ghal fini tal-precizazzjoni, din il-Qorti ma strahitx fuq il-fedina penali esebita ghar-rigward tar-recidiva imma fuq il-kopja tas-sentenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Mejju, 2004 esebita fil-process li kienet sabet lill-istess Joseph Mifsud hati biss li zamm jew ezercita’ jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ parti minnhom li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali w talli, bhala sid jew li kellu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond fl-isem “Tangra Bar” ukoll bhala “A1 Bar”, Bugibba, xjentement ta b’kiri jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghall-skopijiet ohra immorali”;**

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Mifsudipprezentat fl-14 ta’ Lulju 2009 fejn talab li din il-Qorti

tirriforma u tibdel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u tirrevokaha in kwantu instab hati skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, b’hekk li anke tirrevokaha in kwantu nstab li kien recidiv u anke in kwantu l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll il-konfiska tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-hati favur il-Gvern ta’ Malta, billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi; u fil-kaz li jigi dikjarat hati, li tbiddel u tirriforma l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta li l-kaz jisthoqqlu skond il-ligi u f’kull mod, anke f’din l-eventwalita` li jigi dikjarat hati, li tirrevoka l-ordni tal-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll il-konfiska tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-hati favur il-Gvern ta’ Malta; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jghid illi l-aggravji tieghu jikkonsistu f’li kien hemm irregolarita` matul il-kawza, interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett, kif ukoll li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

**6.** L-appellant jibda biex josserva illi l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq ix-xiehda ta’ P.S. 579 Antoine Micallef li ma hu kkorroborat minn hadd. Nonostante cio`, isostni l-appellant, thalliet issir influwenza fina u effikaci bl-effett illi dak li kien qed jghid P.S. Micallef kien imsahhah mic-cirkostanzi. L-appellant isemmi x-xiehda ta’ l-Ispettur Nezrin Grixti li, ghalkemm l-ewwel Qorti waqfitu mill-bidu nett meta kien se jirreferi ghal xi informazzjoni li kellu dwar l-appellant, aktar tard ma ccensuratux meta qal li kien qieghed jistenna lill-akkuzat li kien fil-pussess ta’ xi droga lesta ghat-traffikar. Imbaghad meta l-Ispettur Grixti qal li qabel l-operazzjoni kien spjega lin-nies tieghu li ghandha tigi vettura bl-akkuzat li kellu droga fil-pussess tieghu, l-ewwel Qorti qalet illi dan kollu kien *hearsay* izda ma spjegatx x’inhu *hearsay* u inoltre qalet li l-Pulizija ma tmurx wara bieb xi hadd b’kapricc “izda lilna ma jinteressaniex”. L-appellant jilmenta wkoll illi in kontroezami l-Avukat difensur tieghu Dott. Abela gie

censurat mill-Ewwel Qorti ghaliex kien qed jaghmel domandi dwar din il-famuza informazzjoni, filwaqt illi l-Ispettur Grixti thalla “jipperora fuq din l-informazzjoni biex johloq forma ta’ korroborazzjoni ma’ evidenza inammissibbli. Kompla jamplifika illi anke informazzjoni dwar in-numru tal-vettura kellu.” L-appellant jghid illi mbaghad l-effett ta’ din il-korroborazzjoni rregolari kompla jikber meta l-gurija semghet korus shih ta’ pulizija li suppost iffurmaw parti mill-units fuq il-post, li xehdu dwar id-direttivi li rcevew minghand l-Ispettur. L-appellant jistaghgeb kif dak li ra P.S. Micallef ma rawhx ukoll dawn il-pulizija. Jghid li meta xehed P.S. Micallef, hu ukoll semma l-istruzzjonijiet li kien tah l-Ispettur. “Issa dak li suppost kien qallu rah quddiemu. Mela allura dak li kien qed jghid li ra s-surgent qed jigi b’dan il-mod irregolari imsahhah. U allura l-gurija ghandha quddiemha din il-‘korroborazzjoni’ b’hekk illi ma tistax tiddubita lis-surgent.” L-appellant jinsisti illi, filwaqt illi huwa minnu illi xhud wiehed biss, jekk emmnut, hu bizzejjed biex jikkostitwixxi prova shiha, f’dan il-kaz kien hemm ‘korroborazzjoni’ apparenti u rregolari li halliet effett li nfluwixxa bil-fors fuq il-gudizzju dwar min kellhom jemmnu l-gurati. “Din l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi tul il-process tpoggi lill-gudizzju f’*unsafe and unsatisfactory bracket*.”

**7.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tirriproduci l-partijiet rilevanti mix-xiehda ta’ l-Ispettur Nezrin Grixti:

“Xhud: Sewwa, dak iz-zmien fl-2004 kont stazzjonat gewwa t-Taqsima ta’ Kontra d-Droga. Fil-fatt dakinhar kelli informazzjoni rigward l-akkuzat li kien ....
Qorti: Issa dik l-informazzjoni naturalment intom bdejtu tahdmu fuq xi haga, dik l-informazzjoni jekk mhux ha tirrizultalna hawnhekk minn xi xhud, ghaddi dritt ghal dak li ghamlet il-Pulizija, Spettur.
Xhud: Ftehmna Sur Imhallef. Kont jien flimkien mal-pulizija tieghi gewwa l-area ta’ B’Kara ezatt vicin l-Infetti ground gewwa B’Kara. Kien ghall-habta tat-tlieta u nofs, jien fil-fatt kont tajt struzzjonijiet lin-nies tieghi li kont qed nistenna lill-akkuzat li kien fil-pussess ta’ xi droga lesta ghat-traffikar. Fil-fatt kont naf li din l-istess droga kellha tigi

mghoddija lil persuna ohra, certu Victor Magri maghruf bhala c-Cinku....”

Huwa minnu illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri f’dan l-istadju ma spjegax lill-gurati l-kuncett ta’ *hearsay*, izda aktar ‘il quddiem insibu dan l-incident:

“Pros: Issa l-579 li kien qieghed allura ghassa, inti kont ghidt, inti kont avzajt lil xi hadd li ha jkun hemm il-579, li ha jkun qieghed ghassa fil-post jew kienet xi operazzjoni? Spjega daqsxejn jekk joghgbok.
Xhud: Fil-fatt jien niftakar ftit sieghat qabel kont gbart in-nies li kienu hadu sehem f’din l-operazzjoni, fil-fatt kont ghidtilhom li ghandha tigi din il-vettura li qed jaghmel uzu minnha l-akkuzat, u kellu fil-pussess tieghu xi droga. Fil-fatt konna nafu li din kellha tigi mghoddija lill-persuna l-ohra.
Qorti: Iva imma dak x’geghlkom tmorru hemm, dak mhux prova dik. Dik hija *hearsay* ukoll, inti trid toqghod biss fuq dak li ghamiltu intom. Issa naturalment il-Pulizija ma tmurx wara bieb xi hadd b’kapricc, imma lilna ma jinteressaniex ghaliex,
Difiza: Fil-verita` mhux dik kienet id-domanda tal-kollega tieghi. Id-domanda tal-kollega tieghi kienet xi struzzjonijiet kien ta lill-Pulizija.”

Jigifieri hawn jidher li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien se jkompli jaghti xi spjegazzjoni izda twaqqaf hesrem bil-kumment mill-bank tad-difiza. Fl-istadju tal-kontro-ezami mbaghad sehh is-segwenti:

“Difiza: Kontu tafu wkoll allegatament it-tip ta’ droga li kien ser ikun hemm hux hekk?
Qorti: Issa Dottore, diga` ghidna, x’kienu jafu u ma kinux jafu, mhux ha nidhlu fiha, le le, ghax *what is good for the goose is good for the gander*, sewwa? Ma tistax issa, x’kienu jafu u ma kinux jafu inkella jghidlek min qallu, imbaghad x’naghmlu? Ma nistghux naghmluh dak ix-xoghol, huma marru hemm jinvestigaw kaz u minn hemm irridu nehduha, *we have to take it up from there*.
Difiza: Fl-istqarrija, ha naghmillek referenza ghall-istqarrija li rrilaxxja l-akkuzat, ghidtlu hekk inti, inti f’xi hin

ghamilt kuntatt ma' din il-persuna maghrufa bhala c-Cinku? Kif kont taf inti li ghamel kuntatt mieghu c-Cinku?
Qorti: Dr. Giglio qed tifhem inti x'qed jigri hawn? Ara diga` ghidtilhom lill-gurati illi x'wassal lill-Pulizija biex imorru hemm la huwa *hearsay* mhux ammissibbli bhala prova, jekk se tiftah dan il-kamp ser taqlaghli problema, kellmu daqsxejn ghax ma tistghux tifhmuha.
Difiza: Nista' forsi fl-assenza tal-gurati naghmel punt zghir?
Qorti: Kellmu l-ewwel qabel ma, l-ewwel tghiduli li m'ghandux jghid fuq li kien jaf minn qabel, imbaghad tridu tistaqsuh intom stess hux."

**8.** Mela filwaqt illi huwa minnu li l-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi *hearsay*, il-messagg li tali deposizzjoni ma taghmilx prova twassal ghand il-gurati. Barra minn hekk, wara li l-gurati rtiraw sabiex isir punt ta' dritt, id-difiza ghamlet dan il-verbal:

**"L-akkuzat permezz tad-difiza jiddikjara li f'dan il-kaz huwa mhu sejjer iressaq ebda aggravju fl-eventwalita` ta' xi rikors ta' appell dwar il-fatt li x-xhud jixhed fuq dak illi huwa gie nformat bih minn nies li mhumiex xhieda."**

Jidher li dan il-verbal sfugga ghal kollox lid-difensuri godda ta' l-appellant ghax dan l-ewwel aggravju mressaq minnhom jittratta proprju din il-kwistjoni.

**9.** Kwantu ghall-Pulizija li xehdu, mhux kulhadd jaghmel referenza ghal x'kienet l-informazzjoni li kellu u li tahom l-Ispettur Grixti.

- P.C. 706 Norman Cremona jghid li fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Nezrin Grixti mar ma' P.C. 10 u P.C. 1574 vicin il-ground ta' l-Infetti.

- P.S. 114 Massimo Persiano jghid li fuq ordni ta' l-Ispettur Grixti flimkien ma' P.C. 138 marru fl-inhawi tal-ground ta' l-Infetti ghax kellhom informazzjoni li "kellu jigi bniedem u jsir xi traffikar ta' droga flimkien ma' Victor Magri maghruf bhala c-Cinku."

- P.C. 138 Joseph Portelli jghid li kien xoghol ma' l-Ispettur Grixti u P.S. 114 fl-inhawi tal-ground ta' l-Infetti, izda mbaghad aktar tard fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk kienx jaf lil Victor Magri qabel, wiegeb: "Iva ehe, l-informazzjoni kienet li kellha tiltaqa' xi persuna mieghu biex issir deal." Hawn il-Qorti intromettiet u qalet "Le, le, le kontx taf xi haga fuq Magri qed jistaqsik."

- P.C. 10 Trevor Mallia jghid li fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Grixti marru fl-inhawi ta' fejn l-Infetti fejn kellu jsir deal ta' droga.

- P.S. 579 Antoine Micallef qal li nghata struzzjonijiet mill-Ispettur Grixti biex imur fejn il-ground ta' l-Infetti ghax infurmah li kellu jsir xi *deal* tad-droga u li hemm involut certu Victor Magri li kien joqghod fl-inhawi. Hin minnhom, fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni fejn baqa' u x'ghamel wara l-espisodju ta' Victor Magri, wiegeb: "Bqajt fl-istess post, bqajt nosserva r-residenza ta' Victor Magri ghax l-informazzjoni kienet" u twaqqaf mill-Qorti li qalet: "Hallik mill-informazzjoni, imbaghad x'gara?" In kontro-ezami mbaghad kienet l-istess difiza li bdiet taghmel mistoqsijiet dwar l-informazzjoni li nghatatlu minghand l-Ispettur Grixti. Gie mistoqsi jekk l-istruzzjonijiet kienu li appena jasal l-akkuzat Mifsud jinformahom mill-ewwel. Gie mistoqsi jekk l-Ispettur kienx diga` qallu li kellu jigi certu Joseph Mifsud bil-vettura. Gie mistoqsi jekk semmilux in-numru tal-karrozza li kellu jasal biha.

**10.** Din il-Qorti tifhem illi xiehda trid tinghata f'kuntest. Mela pulizija jrid necessarjament jirrakkonta x'kienu c-cirkostanzi li wasslu biex imur f'post. Ghalhekk ma tara xejn hazin meta xi pulizija qalu li marru fejn l-Infetti ghax kellu jsir *deal* tad-droga jew ghax kellu jsir *deal* ma' Victor Magri jew ghax kellha tigi persuna taghmel *deal* ma' Victor Magri. Ghal xi haga marru dawn il-membri tal-korp. U meta P.C. 138 u P.S. 579 irreferew jew kienu se jirreferu ghall-informazzjoni, mill-ewwel l-ewwel Qorti intromettiet. Dak li hu interessanti, pero`, huwa illi fil-kaz ta' P.S. 579 kienet id-difiza stess li ghamlet mistoqsijiet persistenti dwar l-informazzjoni li ghadda l-Ispettur Grixti. Barra minn

hekk, hadd ma jkun jaf x'se jghid xhud, u huwa ghalhekk illi hemm il-Qorti biex tirregola l-andament tax-xiehda. Kwindi ma tara li saret ebda irregolarita`, u l-ewwel aggravju huwa michud aktar u aktar fid-dawl tal-verbal imsemmi li sar mid-difiza.

**11.** Irregolarita` ohra li jilmenta dwarha l-appellant tirreferi ghall-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101. L-appellant isostni illi huwa ma kienx qieghed jghid, kif kien issottometta l-prosekutur, li dan kien kaz ta' *frame-up* mill-Pulizija. Dak li kien qieghed jallega kien li l-basket bir-raza tal-cannabis kien tpogga fil-karozza minn Victor Magri stess u dak li sehh kien kollu konsegwenza ta' l-ghemil ta' dan Victor Magri. L-appellant jghid li Victor Magri laghab lill-Pulizija sabiex ikun jista' jibbenefika mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101: minflok isemmi xi ggant bhalu fl-industrija ta' l-ispaccar tad-droga, ippjana preda. "Icempillu l-esponenti sabiex ibiddillu l-vettura u allura jaghti l-informazzjoni dwar dan is-suppost *deal*." Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tispjega lill-gurati l-applikazzjoni jew il-funzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Mhux talli m'ghamlitx hekk, talli meta d-difiza kienet qed issemmi dan l-artikolu, l-Imhallef li ppresjeda l-guri intervjena u waqqaf lill-avukat difensur u sostna li l-applikabilita` o meno ta' dan l-artikolu kienet dejjem tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti. L-appellant jghid li dan huwa zbaljat.

**12.** Din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjoni tad-difiza u tal-kontro-replika li saru waqt il-guri u rrizulta li din il-kwistjoni giet ventilata waqt il-kontro-replika. Il-parti rilevanti hija s-segwenti:

"Difiza : ... Mhux kollox jindika din ir-rabta, din il-*link* ma' Victor Magri u dan narawh, naturalment tridu tarawh fl-isfond ta' dak li gie spjegat kif dan Victor Magri qed jigi investigat, il-hin kollu qed jigi investigat fuq kawzi relatati ma' traffikar ta' droga, il-hin kollu qed jigi investigat mill-membri tad-Drug Squad, fl-isfond ta' dak li qalulna, ta' kif dan wiehed jaghtik bicca informazzjoni u, hekk jahdmu l-pulizija, hekk jahdmu dawn. Dan huwa stat ta' fatt. Qalilkom l-Ispettur Grixti, Spettur fl-Iskwadra ta' kontra d-

drogi. Tini bicca hawn, u tini bicca hemm u tnaqqas minn hawn u nnaqqaslek il-piena minn hemm, dan huwa stat ta' fatt, konfermat mill-Ispettur Nezrin Grixti.

"Qorti: Stenna daqsxejn Dottore. Dana qed tallegah inti li jnaqqas il-piena minn hawn u jnaqqas il-piena minn hemm. Il-piena tnaqqasha l-Qorti meta tkun konvinta minn certi cirkostanzi. Il-pulizija ma tistax tnaqqas pieni.

"Difiza: Pero`,

"Qorti: Inkunu precizi Dottore.

"Difiza: Pero` nirreferik Sur Imhallef ghall-artikolu 29.

"Qorti: L-artikolu 29 m'hemmx ghalfejn tirreferi ghalih, naf x'inhu, il-Qorti finalment trid tiddeciedi.

"Difiza: Hekk hu. Pero` l-Qorti tista' wkoll jew tistrieh fuq id-dikjarazzjoni maghmula mill-pulizija jew jekk ma jkunx hemm dik id-dikjarazzjoni, trid tiddecidiha hi. Tapplika fiz-zewg sitwazzjonijiet, kemm jekk ikun hemm dikjarazzjoni min-naha tal-pulizija fejn m'ghandux bzonn

"Qorti: Fil-fatt f'dan il-kaz partikolari m'ghandna prova ta' xejn minn dan. Inti qed titkellem b'mod generali.

"Difiza: Jiena qed nitkellem fuq dak illi xehed l-Ispettur Grixti.

"Qorti: Ehe, imma ma qalx f'dan il-kaz.

"Difiza: Le, zgur li le, ma tarax.

"Qorti: Mela nkunu precizi.

"Difiza: Ma tarax, zgur li le. U ara ma jkunx hemm min jahseb li l-Ispettur Grixti qal hekk, ma tarax. L-Ispettur Grixti qal hekk, zgur li le. Pero` spjegalna l-isfond ta' kif isir ix-xoghol min-naha tal-Pulizija. Ma tarax li ha jghid

hekk. Bhal ma tarax li tippretendi li jghaddi l-mizien is-*scene of crime officer*.

“Qorti: Dr. Giglio imxi.

“Difiza: Ma tarax li ha jmur

“Qorti: Taf x’qed nghidlek Dr. Giglio, imxi, mhux bl-isninwazzjonijiet.

“Difiza: Le, mhux qed naghmel insinwazzjonijiet.

“Qorti: Fuq il-provi rridu nittrattaw.

“Difiza: Jiena qed nitkellem car.

“Qorti: Iva, fuq il-provi rridu nittrattaw li smajna hawnhekk u nieqfu hemm.

“Difiza: Bir-rispett Sur Imhallef, din hija prova li qalha l-Ispettur Grixti u spjegaha l-Ispettur Grixti.

“Qorti: Kull ma staqsejtuh lill-Ispettur Grixti kien jekk bniedem, mhux ghal Magri semma anzi b’mod generali jikkoopera mal-Pulizija f’certi cirkostanzi skond is-section 29 jistax jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena.

“Difiza: Hekk. Ezattament, dak qieghed

“Qorti: Il-Qorti taghtihielu dik.”

Minn dan il-bran huwa evidenti illi hawnhekk fl-ebda istanza ma l-Qorti qalet li l-applikabilita` ta’ l-artikolu 29 kien jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti. Huwa minnu li fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma ta l-ebda spjegazzjoni ta’ dan l-artikolu. Pero` meta waqt l-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghax-xiehda ta’ l-Ispettur Grixti, huwa qal:

“Imbaghad domanda ohra, in ri-ezami, minn Dr. Abela dwar il-beneficcju li jinghata fuq section 29 u l-Ispettur wiegeb li f’certi kazijiet tad-drogi jekk dak li jkun qed jigi

investigat jaghti xi informazzjoni li tghin lill-Pulizija biex jaqbad lil min ikun issupplieh bid-droga jista’ jibbenefika fid-diskrezzjoni tal-Qorti dejjem minn xi riduzzjoni fil-piena jekk jinstab hati.”

Il-kliem “fid-diskrezzjoni tal-Qorti” ma kinux kliem li ntuzaw mill-Ispettur Grixti waqt ix-xiehda tieghu u m’hemmx dubju li l-Qorti ma kinitx korretta meta qalet hekk peress illi l-unika diskrezzjoni li jaghti l-artikolu 29 imsemmi lill-Qorti huwa jekk tnaqqasx il-piena bi grad jew tnejn. Ciononostante, minn imkien ma jirrizulta illi Victor Magri kien ibbenefika jew gie mwieghed li se jibbenefika minn dan l-artikolu. Difatti lanqas ma saret mistoqsija f’dar-rigward lill-Ispettur Grixti. Jigifieri wiehed jista’ biss jikkongettura jekk l-informazzjoni nghatatx lill-Pulizija minn Magri stess jew le. U l-kongettura mhijiex prova. Anke kieku stess l-informazzjoni nghatat minn Magri, id-droga nstabet u l-gurati kellhom ghalhekk jiddeciedu, jekk fid-dawl tal-provi kollha migjuba quddiemhom, kellhomx jemmnu lill-appellant jew lil P.S. 579 Antoine Micallef.

**13.** L-appellant jaghmel sensiela ta’ mistoqsijiet fir-rikors ta’ appell tieghu. Jghid:

“Hemm imbaghad punti ohra bazati fuq il-buon sens li ghandhom certa rilevanza, u cioe`:-

- Meta wiehed jaf li Magri hu tant spaccjatur ben not ragjonevolment wiehed jistenna li xi hadd jehodlu dak l-ammont ta’ droga wara biebu?
- Meta wiehed ser jissupplixxi Lm20,000 cirka valur ta’ droga, ragjonevolment wiehed jistenna li lil min suppost ser jissupplixxiha lanqas ikollu euro wiehed id-dar biex ihallas taghha?
- Meta wiehed qed jissupplixxi d-droga ragjonevolment ihalliha hekk go bagoll ta’ vettura mhux imsakkar u jitlaq, jew ragjonevolment tibqa’ fil-pussess tieghu sakemm jitfacca lil min irid itiha?
- Meta allura l-esponenti suppost li hu spaccatur, allura ragjonevolment il-pulizija ma ssiblu l-

ebda droga ohra fid-diversi tfittxijiet li saru fid-diversi proprjetajiet tal-esponenti?

- Meta allura l-esponenti suppost fetah il-bagoll u suppost qabad il-basket in kwistjoni, ragjonevolment wiehed jistenna li ma jinstab l-ebda *fingerprint*?
- Meta allura skond is-surgent il-Mazda ghaddiet minn quddiemu, ragjonevolment ma jinnotax lit-tifla ta' hdax-il sena riekba hdejh?
- Meta l-imsemmi surgent ghandu diversi ostakoli ghall-vizwali tieghu, ragjonevolment li minn distanza daqshekk twila jara ***car kristall***?
- Spaccatur bhal Magri li l-istess Spettur kien investigah gimghat qabel ragjonevolment kien hieles minn kull arrest, ma kienx tressaq il-Qorti?
- Spaccatur bhal Magri, li skond l-'informazzjoni' d-droga kienet ghalih ragjonevolnment li jinzamm id-depot ftit sieghat u jigi rilaxxat?
- Spaccatur bhal Magri probabbli li kien jaf bl-artikolu 29 tal-Kap. 101? Spaccatur bil-mustacci bhalu probabbilment kien jaf kif jissagrifika persuna innocenti sabiex jiehu vantagg tant importanti ghalih? Ragjonevoli li sar hekk?

"U allura bir-rispett dan kollu ghandu mis-sewwa? Hekk jigri fin-normalita` tal-hajja? Dak hu l-hin sabiex wiehed jispacca d-droga? Dak hu l-post biex wiehed iwassal id-droga? Hekk jigi afdat spaccatur bhal Magri li nofs Malta kienet taf li hu spaccatur? Kieku l-esponenti kien tal-mestjier kif allegat, hekk kellu jimxi? Jew kif gie ppruvat fuq bazi ta' probabbilta` l-esponenti gie milghub meta gie mitlub ibiddel il-vettura f'hin u data specifikata, meta anke kien jaf l-ghamla tal-vettura li gejja, kif hawn fuq spjegat?

"U hija wkoll koincidenza illi meta l-Peugeot giet spezzjonata minn espert tal-Qorti din kellha l-istess difetti li Magri kien qed jilmenta minnhom? Mhux difett wiehed, izda wipers ma jahdmux, tqattar iz-zejt u ma tistartjax mill-ewwel fil-ghodu. Il-vettura kienet ilha ghand Magri minn Awissu 2004 pero` hu f'dik il-gimgha li ghamel pressjoni biex il-vettura tinbidillu. Koincidenza ohra din?"

**14.** Dawn il-punti ghandhom valur argumentattiv sostanzjali. Naturalment jsta' jigi argumentat *a contrario sensu*:

- Ghalkemm Victor Magri kien spaccatur, xorta kellu bzonn ta' min jissupplixxieh bid-droga.
- Hlas tad-droga seta' kien diga` sar jew il-hlas kien se jsir hin iehor u f'post iehor. Fil-fatt irrizulta li ma saritx tfittxija fil-hanut li kellu Magri.
- L-appellant stess jghid illi meta waslu l-Pulizija kien ghadu fuq il-bankina filwaqt illi P.S. 579 xehed li rah imur ihabbat (jew icempel il-qanpiena) ta' Magri. Jigifieri skond l-appellant kien qieghed hdejn il-vettura filwaqt illi skond P.S. 579 kull ma ghamel l-appellant kien li tela' t-tarag ta' quddiem id-dar ta' Magri u rega' nizel.
- Il-pulizija ma sabux aktar droga ghax l-appellant seta' ma kellux aktar droga disponibbli.
- Li ma nstab ebda *fingerprint* ta' l-appellant hi biss prova negattiva.
- Mhux inverosimili li ma tarax passiggiera ta' eta` zghira.
- Jekk P.S. 579 rax car daqs il-kristall jew le, kienet kwistjoni ta' kredibilita`.
- L-Ispettur Grixti kkonferma li Victor Magri kien tressaq il-Qorti ftit taz-zmien qabel. La kien hieles mill-arrest ifisser li kien inghata l-*bail*.
- L-Ispettur Grixti ma qalx kemm dam mizmum Victor Magri fuq dan il-kaz izda kkonferma li nvestigah u li ftit tal-hin wara rrilaxxjah.
- L-appellant isostni illi Victor Magri ssagrifika persuna innocenti. Seta' mill-banda l-ohra ssagrifika s-sors tieghu.
- Aktar ma konsenja ssir f'hinjiet u postijiet innokwi, anqas jitnissel suspett.
- Irrizulta li d-difetti fil-Peugeot kienu minnhom (ara relazzjoni ta' l-espert tekniku Joseph Zammit). Jekk verament l-appellant kien se jbiddel il-Peugeot mal-Mazda, allura seta' jfisser dan illi d-droga ma kinitx intiza ghal Magri, u kien se jibqa' sejjer biha bil-Peugeot?

Kollox ma' kollox, ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tiddetermina huwa jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jemmnu lil P.S. 579 Antoine Micallef.

**15.** Issa, l-appellant jghid li kuntrarjament ghall-pulizija l-ohra li allegatament kienu fuq il-post, P.S. 579 kien wahdu minghajr *camera* u minghajr *video recorder*. Jghid li kien go van li la jghid x'tip kien u lanqas fejn kien ipparkeggjat. L-appellant jghid li dan ix-xhud inghata hafna kredenza mill-prosekuzzjoni u sar l-argument li dan l-ufficjal ma kellu l-ebda interess li ma jghidx il-verita`. "*A contrario sensu*", jghid l-appellant, " ghalhekk qed jinghad illi l-esponent ghandu interess biex ma jghidx il-verita` ghaliex hu jinsab akkuzat, pero` s-surgent ghalhekk hu veritjer f'kull ma jghid. Bir-rispett dan mhux kriterju sabiex tkejjel il-kredibilita` ommeno. Bir-rispett membru tal-pulizija hu persuna xhud bhal kull persuna xhud iehor. Anke hu jista' mhux dejjem jghid il-verita`, anke hu jista' jizbalja jew jara hazin." U jkompli l-appellant:

"F'kaz bhal dan, il-kredibilta` ommeno wiehed jifliha minn dettalji zghar, mill-vizwali li wiehed ikollu meta jkun qed ihares, mill-vista tal-ghajnejn li jkollu, biex b'hekk wiehed jassigura li dak li jkun qed jghid hi l-verita` u mhux xi frott ta' xi zball. Huma dawn il-kriterji li ghandhom jigu analizzati u mhix li noholqu kredibilita` bazata fuq l-effett tal-kariga li jkollu xhud. *L'abito non fa il monaco.*

"Meta qeghdin nanalizzaw dan kollu, il-pern tal-kwistjoni hawnhekk mhux jekk l-esponenti kienx wasal fuq il-post, mhux jekk l-esponenti kienx qed isuq vettura Mazda 323, mhux jekk din il-Mazda pparkeggjatx hdejn id-dar ta' Magri, izda jekk is-surgent rax lill-esponenti johrog mill-vettura tieghu bl-allegat basket u jpoggih fil-bagoll tal-Peugeot wzata minn Magri li kienet ipparkeggjata hemmhekk ukoll."

**16.** L-appellant jirreferi ghal dak li qal P.S. 579 dwar il-mument tat-tragitt tal-basket: "Jien kont kwazi fejn il-ground tal-Infetti. Kont nahseb aktar minn 50 metru boghod, jigifieri l-kantuniera tal-ground. Kont qed nara d-dawra ta' x'kien qed jigri madwar ir-residenza ta' Victor Magri." U li "dak li hemm fir-ritratt kont qed narah quddiemi." Skond l-appellant, tenut kont tal-posizzjoni preciza li ta P.S. 579, meta wiehed imur fuq il-post isib illi

dak li qed jghid P.S. 579 hu inveritjer ghax il-vizwali tieghu kienet serjament ostakolata. Minn fuq il-bankina mal-genb tal-ground tal-Infetti, quddiemu kellu diversi vetturi pparkeggjati *fishbone* li minhabba fihom ma setax jara z-zewg vetturi pparkeggjati, wisq aktar id-dettalji akkurati li pprova jaghti waqt il-guri li rah jaqbad b’idu l-leminija mill-karrozza tieghu u fetah il-bagoll b’idu x-xellugija u pogga dan il-basket. L-appellant izid jargumenta:

“Importanti f’dan ir-rigward li wiehed jippuntwalizza fejn joqghod Magri mill-posizzjoni fejn kien is-surgent. Fl-ewwel lok meta wiehed imur fuq il-post wiehed isib distanza ta’ ferm aktar minn 50 metru u mhux kif qal l-istess surgent. Magri joqghod fil-kantuniera distanza notevoli ‘l boghod minn fejn kien is-surgent. Kif intqal, fejn kienet din id-dar ta’ Magri u fejn kienu pparkeggjati dawn il-vetturi ghal fejn kien is-surgent kien hemm diversi karozzi pparkeggjati jostakolawlu l-vizwali tieghu. L-imsemmi surgent hu ta’ tul normali. Il-Mazda kienet ipparkeggjata quddiem id-dar ta’ Magri fil-kantuniera u l-Peugeot warajha aktar ‘l isfel. Minn fejn kien is-surgent ma setax jara dak li xehed dwaru. Mhux hekk anzi hu xehed li seta’ jara car kristall. Il-kristall qatt ma jista’ jkun car jekk go fih ikollok affarijiet illi jostakolaw li tara *through the glass*.

“Is-surgent jghid illi l-Mazda ghaddiet minn quddiemu fejn kien posizzjonat u cioe` minn hdejn it-triq fejn hemm il-ground tal-Infetti. Jghid li lill-esponenti ma kienx jafu. Jghid li ma rax in-numru ta’ din il-Mazda hi u kienet ghaddejja. Nonostante cio` skond l-Ispettur Grixti s-Surgent allegatament cempillu fuq il-mobile biex jghidlu li l-esponenti kien fl-akwata. Legittimament u ragjonevolment wiehed isaqsi, imma jekk is-surgent ma kienx jaf lill-esponenti u ma rax in-numru tal-Mazda, kif seta’ qatt minn dak l-istadju li suppost ghadda minn quddiemu icempel lill-ispettur biex jghidlu li l-esponenti kien fl-akwata?

“Mhux biss, izda l-esponenti xehed illi hu ma ghaddiex mit-triq minn fejn qed jghid is-surgent, cioe` t-triq tal-Infetti. Fuq bazi ta’ probabbilita` l-esponenti hu aktar kredibbli.

Hu kien gej minn Bugibba u kwindi minn fejn kien qed jghid is-surgent ma hix triqtu. Barra minn hekk l-esponenti kellu t-tifla mieghu Francesca ta' 11-il sena, mibnija u Alla jberikha u l-istess surgent jghid li ma rahiex, meta skond hu, kien ghaddej minn quddiemu mit-triq tal-Infetti.

"Dawn id-dettalji zghar huma ferm importanti biex wiehed jara l-kredibilita` ta' xhud u mhux ir-*rank* jew xoghol li jkollu. Is-surgent ma jghidx liema naha l-Mazda kienet qed thares meta ipparkeggjaha. Punt determinanti pero` hu illi meta l-Ispettur kien qed jaghmel domandi meta ha l-istqarrija lill-esponenti (l-ghada tal-incident) dan kien qed jallega illi l-basket l-esponenti gabu mill-bagoll tal-Mazda ghall-bagoll tal-Peugeot, mentri s-surgent qed jghid illi allegatament il-basket gabu mill-karrozza. Punt ta' divergenza serjissimu. Punt ta' divergenza li msarraf jiskossa dak li suppost ra s-surgent. Legittimament u ragjonevolment l-Ispettur fehem hazin tant lis-surgent meta cempillu biex itih id-dettalji?

"Fatt iehor kurjuz pero` interessanti fl-assjem tal-provi kien li meta ra hekk l-istess surgent mar id-depot. Lanqas gietu l-kurzita` li jimxi mitt metru minn fejn kien biex imur jara dak li gie konstatat. Normalment persuna tali jmissha hasset l-orgolju li kien hu li nnota dak allegat u jmur ghal ftit glorja. Lanqas dan!

"Kien hemm ukoll skorrettezzi ohra li gew rilevati. Is-surgent ikompli jghid illi meta l-esponenti allegatament pogga l-allegat basket fil-bagoll tal-Peugeot, dan tela' xi turgien li kien hemm biex titla' ghall-bieb principali tar-residenza ta' Magri u habbat il-bieb. Minn habbat il-bieb, bi precizjoni s-surgent jghid illi cempel il-qanpiena li kellu hdejn il-bieb. Dan il-fatt ukoll m'ghandux mis-sewwa. Mid-distanza li kien is-surgent bl-ebda mod ma' seta' jghid li l-esponenti ghafas buttuna biex icempel il-qanpiena. Kieku qal ihabbat il-bieb, forsi, kieku rah bil-pala tal-id jaghti ghal fuq il-bieb. Izda hu jghid cempel il-qanpiena. Wiehed isaqsi ghaliex icempel meta hu juza l-kelma qabel, ihabbat? Dan ghaliex in kontro-ezami l-Avukat Abela jurih ritratt u meta s-surgent rah seta' jinnota li mal-bieb kien hemm hasira bajda. Issa allura l-verzjoni hi li l-esponenti

kien qed icempel il-qanpiena. Pero` wiehed isaqsi, kif bil-hasira minn dik id-distanza jkollha seta' jghid dan?

"Fl-umli fehma tal-esponenti hu ferm importanti ghall-ahjar ricerka tal-verita` illi jinzamm access fuq il-post, fejn allura jista' jigi konstatat kif hu ghal kollox *unsafe and unsatisfactory* li wiehd isib htija abbazi tat-testimonjanza ta' P.S. Micallef kwantu dan ra lill-esponenti jgorr l-allegat basket minn karozza ghall-ohra."

**17.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi t-talba biex isir access saret ukoll waqt it-trattazzjoni orali u giet ipprezentata nota f'dar-rigward fid-19 ta' Awissu 2010. Issa, mill-atti tirrizulta precizament il-pozizzjoni li kienu fiha l-vetturi, u fi kwalunkwe kaz l-inhawi tal-Infetti huma ben noti lil din il-Qorti. Inoltre ma jirrizultax li saret xi talba quddiem l-ewwel Qorti biex isir access. Ghalhekk ma kienx il-kaz li jsir access f'dan l-istadju.

**18.** Dwar l-argumenti l-ohra li ghamel l-appellant, din il-Qorti ghandha dawn l-osservazzjonijiet x'taghmel. Ghalkemm huwa dejjem rakkomandabbli li f'kaz ta' sorveljanza il-Pulizija taghmel uzu minn *camera* u/jew *video recorder*, in-nuqqas li taghmel dan ma jfissirx illi min jixhed dwar dak li jkun allegatament ra m'ghandux jitwemmen. Dwar x'tip ta' van kellu P.S. 579 u fejn ipparkeggjah, dawn kienu mistoqsijiet li facilment setghu sarulu meta kien qieghed jixhed quddiem l-ewwel Qorti, izda la ma sarulux ma jistax issa l-appellant jilmenta ghax ma tax din l-informazzjoni P.S. 579 stess. Li P.S. 579 inghata hafna kredenza mill-prosekuzzjoni huwa naturali. Difatti huwa kien ix-xhud principali li xehed dwar il-movimenti ta' l-appellant fil-gurnata in kwistjoni.

**19.** Din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xiehda ta' P.S. 579, ir-ritratti u l-argumenti kollha migjuba mid-difiza, hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jemmnu lil P.S. 579. L-ewwelnett, ghalkemm huwa minnu li l-vetturi fit-triq jipparkjaw *fishbone*, mill-posizzjoni li jghid li kien P.S. 579, huwa seta' facilment jara x'kien qieghed jigri. Difatti huwa ma jghidx li kien *in a static position*. Fil-bidu tax-xiehda tieghu jghid: "kont hin minnhom gol-vettura, hin minnhom

kont bil-wieqfa, skond il-bzonn li kien hemm.” Meta mistoqsi in kontro-ezami kif seta’ jara bil-karozzi li kien hemm ipparkjati, P.S. 579 wiegeb li hu beda jara car kristall minn fejn kien.

“Difiza: Car kristall.

“Xhud: Car kristall.

“Difiza: Minn gol-karozzi quddiemek bdejt tara car kristall? Kif bdejt

“Xhud: Ifhimni anke ccaqlaqt, fl-istess post bqajt bejn wiehed u iehor.

“Difiza: Fl-istess post.

“Xhud: Niccaqlaq ha nara sew minn hawn, niccaqlaq ha nara sew minn hemm, nitbaxxa naqra biex nara minn hemm sew.”

**20.** Ghalhekk P.S. 579 seta’ jitwemmen meta qal li kien qieghed jara “car kristall”. Kwantu ghal jekk rax jew ma rax lil bint l-appellant fil-karozza, dan ma hu ta’ ebda rilevanza. U anke jekk il-karozza ghaddietx minn hdejh jew le. Il-fatt hu li l-karozza misjuqa mill-appellant waslet u waqfet fil-kantuniera hdejn ir-residenza ta’ Victor Magri. Lanqas ma hu importanti jekk l-appellant habbatx il-bieb jew cempilx il-qanpiena ta’ Victor Magri. Li hu cert huwa illi kif waslu l-Pulizija, Victor Magri ttawwal, probabilment ghax kien habbatlu jew cempillu l-qanpiena l-appellant. Inoltre hi biss apparenti d-divergenza bejn dak li saqsa l-Ispettur Grixti lill-appellant dwar li gab id-droga mill-bagoll u dak li xehed P.S. 579 li gabha mill-karozza. Wara kollox il-bagoll, ossia *luggage booth*, tifforma parti mill-karozza. Fl-ahhar mill-ahhar din il-Qorti tqis illi huwa inverosimili ghall-ahhar illi Victor Magri jasal id-dar tieghu b’ammont konsiderevoli ta’ droga fil-karozza tieghu u jinsiha hemm meta t-*tailgate* ma kienx jinghalaq.

**21.** Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma illi l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni

ta’ htija dwar id-delitt kontemplat fl-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u dan abbazi tad-deposizzjoni tal-imsemmi surgent.

**22.** L-ahhar aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li hu jqis eccessiva. Jirreferi ghall-paragun li ghamlet l-ewwel Qorti mas-sentenza **Ir-Repubbliska ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**.[1] Jirreferi wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta v Paul Muscat**[2]. Din il-Qorti ezaminat dawn iz-zewg sentenzi u sabet li l-fattispecje huma differenti u, kif solitament jinghad, il-paraguni huma odjuzi. Dak li hu zgur hu illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti f’dan il-kaz hija entro l-parametri tal-ligi. Hija piena li l-ewwel Qorti mponiet fid-diskrezzjoni taghha u wara li kkunsidrat dak kollu li kellha tikkunsidra, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida biex tiddisturba.

**23.** L-appellant jilmenta wkoll mill-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra ta’ l-appellant.

**24.** Kwantu ghall-ordni ta’ konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, l-appellant m’ghandux ragun. Hija l-ligi stess li tipprovdi dwar dan fl-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 meta tghid li “f’kull kaz li persuna tinsab hatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza, l-oggetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jigu konfiskati favur il-Gvern, u kull oggett hekk konfiskat ghandu, jekk il-qorti hekk tordna, jigi distrutt jew isir minnu xort’ohra kif jista’ jigi provdut fl-ordni”.

**25.** Kwantu ghall-ordni ta’ konfiska ta’ flejjes u proprjeta` mobbli u mmobbli ohra, l-appellant ghandu ragun. Issa, permezz ta’ l-artikolu 38 ta’ l-Att XXXI tas-sena 2007 gie mizjud paragrafu iehor fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 24A tal-Kap. 101 u li jaqra hekk:

[1] Qorti ta’ l-Appell Kriminali 15 ta’ Jannar 2009.
[2] *Ibidem*, 28 ta’ Dicembru 2009.

**“(e) tkun hatja tar-reat ta’ pussess ta’ xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati.”**

Jigifieri l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 illum jirreferi anke ghas-sitwazzjoni kontemplata fl-imsemmi paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 24A. Il-kaz in ezami, pero`, jirrisali ghal Novembru 2004 u ghalhekk l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern. B’hekk ma setghetx tigi ordnata l-konfiska wkoll tal-flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra ta’ l-appellant skond l-imsemmi artikolu 22(3A)(d).

**26.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-proprjeta` mobbli u immobbli ta’ l-appellant, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ghall-hlas ta’ l-ispejjez tal-perizji u t-terminu li fih l-Avukat Generali b’nota jinforma lill-Qorti Kriminali li ghandu bzonn li dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-iskop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi, jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------